

Kav. ĊUŻE' MUSCAT AZZOPARDI,
B.M., P.E.P., P.L.
1853-1927

# B'TIFKIRA KOMMEMORATIVA TAŻ-ŻEWĠ ANNIVERSARJI TAT-TWELID U MEWT TIEGHU

ĊUŻE' MUSCAT AZZOPARDI
MINN ŻGHOŻITU
QALBU DEJJEM MARBUTA MAL-LSIEN
LI TATU L-GŻIRA
MINNU MA NFATAM QATT
BAQA' SA L-AHHAR
BIH IŻEJJEN IL-ĊRAJJIET
U L-GHANJIET TAGHHA
BIEX WARA MEWTU
DAWK LI RABBA FIL-KITBA MALTIJA
JIBQGHU JGHOŻŻU LSIENHOM
U JŻOMMUH MA' ISMU

a.c.

# Il Kavalier Guze' Muscat Azzopardi

*ANNIVERSARJI TAT-TWELID U MEWT TIEGHU.*

*Ta'* A. C.

DIS-SENA Ġuże' Muscat Azzopardi, ir-Rumanzier u Poeta Klassiku Malti tas-Seklu Għoxrin, l-ewwel President tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, li bil-ħaqq kollu, aħna tajnieh l-isem ta' Missier tal-Letteratura Maltija tal-lum, fl-1 ta' Settembru għalaq 104 snin mit-twelid tiegħu u fl-4 ta' Awissu, 30 sena mill-mewt tiegħu.

Jekk hawn f'Malta nies li għandhom ikollhom għożża lejh bħala bniedem li għamel ġieħ u żejjen il-kitba Malta u refa' l-Ilsien Malti mill-għajb kbir li fih kien jinsab, huma l-Membri tal-Għaqda li kellhom ix-xorti jkun il-Mexxej tagħhom fl-aqwa intrappriża li s'issa saret biex il-Lsien Malti jkollu l-ewwelnett il-kitba akkademika u uffiċjali tiegħu u t-tieni t-Tagħlim skolastiku, id-Dħul tal-Malti bħala Lsien Uffiċjali fl-attijiet ġuridiċi u notarili, Kattedra Uinversitarja u progress hekk qawwi fil-letteratura tiegħu f'dawn l-aħħar ħamsa u tletin sena, jiġifieri minn mindu twieldet il-Għaqda taħt it-tmexxija tiegħu.

M'hemmx għalfejn wieħed ifakkar il-meriti letterarji u meriti oħra ta' Ġuże' Muscat Azzopardi. In-nies tal-Għaqda jafuhom biżżejjed. Iżda tajjeb wieħed ifakkar, l-aktar għal min ma jafx, illi, għalkemm fi żmienu, il-Malti kien imwarrab mill-istudji skolastiċi u minn kull ambient letterarju tal-Gżejjer ta' Malta — u saħansitra minn kull mogħdija ta' żmien kulturali, ħlief f'xi ġurnali politiċi u fuq il-palk għal dawk li fost il-poplu Malti jitqiesu bħala nies ta' bla kultura, — il-ħeġġa ta' Ġuże' Muscat Azzopardi lejn il-kitba Maltija ma kinetx inqas minn dik l-oħra li kellu għall-ilsien Taljan li fi żmienu kien l-iktar ilsien li l-kultura tiegħu kellha jedd tradizzjonali fuq kull ilsien ieħor barrani, saħansitra fuq il-Malti. Il-ħidma u ħeġġa ta' G. M. A. għall-kultura letterarja tal-Malti dehret fih sa minn żgħożitu. Ta' tmintax il-sena huwa beda jikteb versi bil-Malti b'sengħa li kienet tagħżlu minn kull kittieb ieħor ta' żmienu. Il-pinna tiegħu bdiet tidher f'kull xorta ta' kitba Maltija; kitba narrativa, kitba ġurnalistika, kitba poetika u kitba reliġjuża.

L-ewwel poeżijiet tiegħu bil-Malti kienu għall-ewwel ta' stil popolari u mexxej, iżda l-quddiem, il-versi tiegħu dehru

wisq iżjed mirqumin sew fl-espressjonijiet kemm ukoll fir-ritmu u l-metrika li tahom fasla ġdida miftuma għalkollox mill-kantilema volgari tal-għanja Maltija, u li kienet il-bidu ta' dawk il-versi li dehru mill-bidu tas-seklu Għoxrin mill-pinna ta' Dun Karm u Cuschieri, u, għal dik li hi proża, mill-pinna ta' sħabu Preca, Fonzu Marija Galea, Bellanti, Temi Zammit, Magro u Tagliaferro. Għal dik li hi reqqa ta' kitba, Ġuże' Muscat Azzopardi, kien għaleb l-istil ta' Ġan Anton Vassallo, u għal dik li frażi mexxejja u ħajja, il-proża saħansitra ta' Patri Magri u ta' Ant. Manwel Caruana, li bħala awtur tar-rumanz "Ineż Farruġ" hu msemmi għan-nisġa artistika tat-trama, iżda iebes fl-istil u safi wisq f'xi espressjonijiet.

Fost il-poeżijiet sbieħ ta' Ġ. M. A., ta' min isemmi "Sawl ta' Tarsu", "is-Susa", "Lil Ommna Marija tal-Faraġ", u "Fit-Tieqa", u fost is-Sunetti, "San Pawl", "Marsaxlokk" u "San Franġisk". Mir-rakkonti tiegħu nistgħu nsemmu "Susanna" miktub fl-1883 u "Ċejlu Tonna", miktub fl-1886. Iżda r-rumanz, li għalih Ġ. M. A. baqa' msemmi bħala l-iktar prożatur Malti, hu "Nazju Ellul", maqlub bit-Taljan minn Dr. Vincenzo Azzopardi u stampat fl-1928. Għal dik li hi proża reliġjuża u biblika l-pinna ta' Ġ. M. A., tatna l-isbaħ eżempji ta' traduzzjonijiet bil-Malti, bħalma hu "Il-Missal" u "l-Evanġelji ta' l-Erba' Appostli". Għal dik li hi Arti Drammatika Ġ.M.A. kien għadu ma daħalx fl-epoka ġdida tat-teatru modern, meta hu sata' joħloq għat-teatru Malti xeni iżjed realistiċi milli romantiċi u farseski ta' dak iż-żmien li biħom kien ikun mimli r-repertorju tal-Palk Malti, u, għalhekk, f'żgħożitu ma satax jagħti ruħu għal dik il-proża drammatika li naraw hekk mirquma ,fil-proża narrativa tiegħu. Xi farsa 'l hawn u 'l hinn, li ġiet taħt għajnejna miktuba minnu għal xi kumpanniji teatrali f'xi teatrini, meta bilkemm kellu mal-għoxrin sena, kienet turi l-ewwel passi li hu ħabat imidd fuq l-egħtiebi tat-teatru Malti, li fuqu ma baqax miexi, bħalma mexa fil-ġurnaliżmu u f'fergħat oħra tal-letteratura Maltija. Tiegħu, iżda, baqgħet tissemma bħala biċċa xogħol ta' traduzzjoni u lokalizzzjoni tajba, il-kummiedja "Bugħawwieġ" mill-Franċiż "Le Coup de Fouet", ta' Hennequin u Duval.

Ġuże' Muscat Azzopardi jibqa' fl-Annali tal-Letteratura Maltija bħala l-aqwa figura li tat ħajja ġdida lill-Ilsien Malti u li minnha tnisslu l-aqwa kittieba xjuħ u żgħażagħ li l-lum jiffurmaw il-pijonieri tal-milizzja letterarja Maltija.